MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 753/1996/1

**Salvu sive Saviour Caruana**

**Vs**

**Jason Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal hsarat kollha li gew ikkagunati fil-vettura numru Y-0146, propjeta tal-attur, waqt li dina l-vettura kienet qed tigi uzata matul dawn l-ahhar snin mill-konvenut.
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' tlett mija u hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm345.00,0) jew ammonti ohra verjuri okkorendo bl-opra ta' periti nominanti.

3. Tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-Ittra Ufficjali tal-31 ta‘ Mejju 1996.

Bl-ispejjes komprisi dawk ta’ ittra ufficjali tal-31 ta’ Mejju 1996 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

Illi t-talbiet huma nfondati filfatt u fid-dritt peress Ii l-eccipjent ma kkawza l-ebda danni fil-vettura in kwistjoni, u dawn it-talbiet qed isiru vessatorjament ghal raguni personali bejn l-attur u l-omm l-eccipjenti, li fihom l-eccipjent minghajr ebda tort tieghu gie involut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> (fol 14, fol 24, fol 41 tal-atti) spjega illi hu kien kera t-‘taxi’ appartenenti lilu bin-numru Y-0146 (ara r-ritratt a fol 23 ibid) lill-konvenut. Dan kien, dejjem, jhallas il-kera miftiehem matul il-perjodu tal-kirja izda wasal iz-zmien meta hu u l-konvenut ‘kellna xi nghidu’. Difatti, l-konvenut kien mar ghand hu l-attur u kien halla, f’idejn dan, l-istess vettura, flimkien ma bilanc zghir ta’ kera li kien skada kif ukoll ic-cwievet taghha. Hawnhekk l-attur spjega, ulterjorment, illi meta din giet hekk ritornata, ‘.. kellha diversi grif fuqha u anke kellha xi daqqiet’ u wara li l-konvenut jidher li kien rrifjuta li jaghmel ir-riparazzjonijiet ta’ dawn il-hsarat, l-attur kien ghamilhom ghand huh, Joseph Caruana, bil-prezz ta ‘ Lm345 kif risultanti mid-dokument esebit diversi drabi a fol 2, fol 21-22, fol 33-34, fol 43-44 ibid).

Illi hu l-attur, <u>Joseph Caruana</u> (fol 31 u fol 62 et seq ibid) semma’ li meta kien ghamel xoghol ta ‘tellar u ‘spray’ fuq l-istess ‘taxi’, wara li din ingiebet ghandu minn huh, ‘… din kellha barxa l’hemm u l’hawn, u sprejjajt lill-istess ‘taxi’ kollu kemm hu ‘liema xoghol ma kienx wiehed biss, ta’ irtokkar. Qabel ma sarlu il-kontro esami, dan ix-xhud

wara li xehed il-konvenut permezz ta' affidavit, kif ser jinghad aktar l-isfel, donnu ftakar illi madwar sentejn qabel din l-okkazzjoni, il-konvenut, stess, kien gab ghandu l-istess 'taxi' sabiex tigi 'sprayed' u kien l-istess konvenut li hallsu madwar Lm300 ta' dan ix-xoghol fl-okkazzjoni precedenti. Ta' minn jinnota pero illi dan ix-xhud kien pjuttost konfuz in rigward dak li seta jiftakar dwar x'gara f'dawn iz-zewg okkazzjonijet, liema fatt jidher evidenti jekk jigu analizzati r-risposti tieghu, in kontro esami, a fol 63 u fol 64 tal-atti. Minhabba hekk, il-Qorti tara li dan ix-xhud hu pjuttost inaffidabbli trattasi ta' xhieda  nieqsa minn kjarezza u kontenenti nuqqas ta' memorja in rigward punti rilevanti hafna ghal dan il-kaz.

Illi x-xhud iehor prodott mill-attur hu Anthony Sammut (fol 16, fol 40A) li jidher li kera l-istess 'taxi' minghand l-attur wara l-konvenut. Dan issottolinea illi l-istess vettura '… kellha diversi hsarat fl-'engine mounting', fil-'meter' kif ukoll diversi grif u daqqiet fuq il-bieba'. Dan ix-xhud kien gie riprodott mill-istess attur u hawnhekk ta' minn jinnota illi xehed 'Fejn kien hemm il-'cracks' u daqqiet fuq il-bieba kont jiena stess li zbajt dawn'.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 50 et seq ibid) semma li f'certa okkasjoni, hu kien ha t-'taxi' in kwisjtoni ghand hu l-attur, Joseph Caruana' peress li kien ser jsiefer u dan sabiex jsir xoghol ta' 'spray' fuqha. Meta gie lura f'Malta, wara xi gimgha, kien sar jaf illi l-istess 'taxi' kienet giet mikrija mill-attur lil terzi. In rigward dan ix-xoghol, li jidher li sar hazin, il-konvenut sostna illi, filfatt, kien hallas madwar Lm300 lil Joseph Caruana. Inoltre meta wara ftit ta' zmien, deher li x-xoghol kien sar hazin, l-istess Joseph Caruana kien accetta li jerga' jaghmlu minghajr pagament da parti tal-konvenut. Inoltre l-konvenut sahaq illi, fiz-zmien in *kwistjoni*, kien iddecieda illi jieqaf milli jikri l-istess taxi minhabba xi kwistjonijiet personali bejnu u l-attur u ghalhekk hu kien mar ghand Joseph Caruana u lil dan kien tah kemm it-'taxi' bic-cwievet kemm xi bilanc ta' kera, li kien ghadu dovut sabiex l-istess Joseph Caruana jaghti kollox lil huh,. Fl-ahhar nett, hu sahaq li kien dejjem

ghamel il-manutenzjoni necessarja fuq l-istess 'taxi' u cahad li kien ikkawza xi hsara jew danni fiha. Inoltre hu semma illi din il-kawza kienet saret '… vessatorjament ghal raguni personali bejn l-attur u ommi ….”

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl u fl-isfond tal-provi kif hawn fuq sintetizzati u analizzati, il-konkluzzjoni trid, bilfors tkun, illi l-attur ma irnexxielux jipprova, fuq bilanc ta' probabilta' dak kollu mtilub fl-avviz in esami. In rigward dan, ghandu jinghad illi din il-Qorti analizzat il-provi prodotti mill-attur in sostenn tal-istess talbiet u rat li l-istess provi huma kontradittorji, konfusi u neqsin minn attendibilita u kredibilita.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, wara li gew konsiderati dawn il-provi, fl-assjien taghhom f'dak li jirrigwarda l-allegati hsarat fl-istess 'taxi' meta din giet ritornata lura fi tmien il-kirja, it-talbiet in esami ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------